rivista tagħha *Il-Malti*, li tiegħu Ġużè Muscat Azzopardi kien ukoll l-Editur.

Ġużè għandu l-mertu wkoll li ħajjar lill-aħjar nies ta' żmienu biex jiktbu bil-Malti, u għalhekk tana lil Dun Karm, lil Ninu Cremona, lill-Professur Cuschieri u oħrajn, u għalhekk bil-ħaqq kollu jissejjaħ Missier il-Letteratura Maltija.

Imma aħna ma nixtiqux li din l-irħama li tfakkar l-isem tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi tittieħed bħala tifkira tal-ħidma kollha u tal-personalità eċċezzjonali tiegħu. Din l-irħama hi turija ċkejkna tal-qima li jħossu lejn dan il-bniedem distint u għaref, iċ-ċittadini tal-belt tiegħu. Hu jixraqlu aktar minn hekk, għax hu mhux biss wieħed mill-aqwa wlied ta' Ħal Qormi, imma hu wkoll figura nazzjonali, u, bħala hekk, Malta titlob li ismu jinfirex u jinstama' fl-inħawi kollha tan-nazzjon tagħna.

Irridu niftakru li Ġużè Muscat Azzopardi beda jikteb bil-Malti meta kien hawn kurrent qawwi kontra dan l-ilsien tagħna. Min kien jikteb bil-Malti kien jissogra li flok tifħir jaqla' tmaqdir u ċanfir. Ġużè Muscat Azzopardi mar kontra dan il-kurrent qalil u sfida l-opinjoni ta' nies kburin, suppervi u intransiġenti li kienu fil-poter.

Ġużè Muscat Azzopardi kien bniedem ta' koltura, bniedem tal-liġi u tal-politika, raġel patrijott u reliġjuż. Hu nqeda bl-ilsien Malti biex jagħti sura lil dawk il-fakultajiet kollha, u meta għamel hekk wera bil-provi li l-ilsien Malti jista' jservina f'kull qasam tal-ħajja reliġjuża, politika u soċjali li nsibu ruħna fiha.

Bil-kitba tiegħu dan ir-raġel għaref wera li l-ilsien tagħna jista' jaqdina mhux biss bħala mezz ta' kommunikazzjoni bejnietna, imma wkoll bħala utilità fil-ħajja amministrattiva, legali u soċjali.

B'din il-manjiera Ġużè Muscat Azzopardi kien wieħed mill-aqwa li hejjew it-triq għal meta din il-Gżira tagħna kellha tasal biex teħles mill-ħakma barranija u tieħu rajha f'idejha. Għax ma jistax ikun li pajjiż isir indipendenti jekk jibqa' jikteb, jaħseb u jfisser ruħu b'ilsien ta' pajjiż ieħor. Ma jistax ikun li t-tmexxija tkun bla xkiel jekk ma tinqediex bil-lingwa tal-poplu. Il-ħolqa li torbot il-Gvern mal-poplu, hi l-ilsien nazzjonali. Din kienet il-fehma ta' Ġużè Muscat Azzopardi, b'dan l-iskop hu kiteb, tkellem, għallem u ħadem sakemm miet. Din il-ħidma tiegħu ħadet sura nazzjonali; għalhekk hu laħaq statura ta' figura nazzjonali u bħala hekk jixraqlu monument nazzjonali.

Jiena naf li twaqqaf Kumitat biex jieħu ħsieb dan il-Monument Nazzjonali, ħalli Ġużè Muscat Azzopardi ma jibqax jissemma biss bħala Qormi mill-kbar, imma ħalli hu jieħu ġieħu bħala Malti



mill-aqwa, bniedem li jistħoqqlu fama u ġieħ fil-Gżejjer tagħna kollha u kull fejn jinsabu l-Maltin imxerrdin mad-dinja li jħossu ruħhom kburin bħala wlied Malta ħielsa, Malta Maltija!

Bir-raġun kollu għalhekk jiena nħossni kburi li bħala President ta' Malta nagħti ġieħ illum lil dawn iż-żewġ Qormin kbar, speċjalment Ġużè Muscat Azzopardi, u nikxef din l-irħama li tfakkar isimhom lill-Qormin u lil dawk kollha li jgħaddu minn hawn.

## Kelmtejn mill-Editur il-Ġdid

*Għalkemm għandi x'nagħmel biżżejjed, qtajtha li nilqa' t-talba li saritli mill-President u l-Kunsill ta' l-Akkademja biex nieħu f'idejja l-organu tagħna,* Il-Malti, *wara r-riżenja ta' Patri Karm. Fenech, S.J.*

*Fiħsiebni nagħmel ħilti biex intejjeb kemm id-dehra u kemm il-kontenut tiegħu. Jien se nagħmel mill-aħjar, se nissagrifika xi ftit mill-ħin tiegħi, imma jidhirli li għandi nitlob lill-membri kollha ta' l-Akkademja biex jagħtu daqqa t'id, l-aktar billi jibagħtu l-kitba tagħhom. Poeżija qed taslilna mhux ħażin, imma għandna nuqqas ta' proża.*

*B'mod speċjali nistieden lill-membri biex jibagħtuli xi manuskritti mhux pubblikati, jew korrispondenza interessanti, ta' awturi mejta, jew aneddoti dwarhom. Jekk tibagħtu aneddoti ġa pubblikati, għidu minn fejn ħadtuhom, ktieb u awtur.*

*Nistieden lis-surmastrijiet ta' l-iskejjel li jaqblu magħna li* Il-Malti *jista' jkun ta' ġid għall-istudenti tagħhom u jixtiequ jxerrduh fosthom, biex jiktbu jew iċemplu lill-Amministratur, is-Sur Pawlu Mifsud.*

ĠUŻE' DIACONO.